DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2015/1496

tat-23 ta' Lulju 2015

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine) (EUAM UKRAINE/3/2015)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat-22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni 2014/486/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine), inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fl-24 ta' Lulju 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni 2014/644/PESK ([2]) li taħtar lis-Sur Kálmán MIZSEI bħala Kap tal-Missjoni EUAM Ukraine mill-1 ta' Awwissu 2014 sal-31 ta' Lulju 2015.

(3) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet li testendi l-ħatra tas-Sur Kálmán MIZSEI bħala Kap tal-Missjoni EUAM Ukraine mill-1 ta' Awwissu 2015 sat-30 ta' Novembru 2015,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Kálmán Mizsei bħala Kap tal-Missjoni tal-Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine) huwa b'dan estiż sat-30 ta' Novembru 2015.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2015.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

([1]) ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUAM Ukraine 2014/644/PESK tal- 24 ta' Lulju 2014 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine/1/2014) (ĠU L 267, 6.9.2014, p. 6).